**NOMINA TA' DOTT. CHRISTIAN ZAMMIT GĦALL-ĦATRA**

**TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI ĠEWWA L-ANGOLA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?**

   L-isfidi li qed tiffaċċja l-Angola huma varji, però fost l-aktar prominenti huma l-ħtieġa li jiddiversifikaw l-ekonomija tagħhom sabiex ma tibqax ibbażata fuq l-isfruttament tar-riżorsa taż-żejt, u kif ukoll dak li jiġi mniżżel drastikament l-qgħad fost iż-żgħażagħ. L-Angola hija wieħed mill-aktar pajjiżi Afrikani li ekonomikament qed jikber b'rata mdaqqsa, wara deċenji ta' kunflitti interni, u l-objettiv tagħhom huwa dak li jikbru b'mod li jnaqqsu d-disparita' ekonomika f'pajjiżhom fis-snin li ġejjin. Malta, bil-presenza diplomatika tagħha, jista' jkollha rwol importanti f'dan kollu, peress illi l-posizzjoni strateġika tagħha fil-Mediterran, u bħala stat membru tal-Unjoni Ewropeja, u bl-esperjenza tagħha f'diversi fora internazzjonali, tista' tkun ta' għajnuna u pont biex l-Angola tkompli ssaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratici tagħha, tiddiversifika l-ekonomija, tinvesti f'enerġija rinnovabili, taghmel il-qabża infrastrutturali li teħtieġ, tiżviluppa l-qasam turistiku, u ssib swieq ġodda għall-qasam agrikolu vast tagħha.

2. **X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?**

   In vista tal-istrateġija tal-Gvern Malti vis-à-vis l-kontinent Afrikan, sabiex jiġu msaħħa r-relazzjonijiet mal-pajjizi Afrikani, huwa essenzjali li nkabbru l-presenza tagħna, partikolarment f'pajjiżi Afrikani li m'humiex dawk li tradizzjonalment kellna relazzjonijiet fil-passat magħhom bhal pajjiżi tal-Maghreb. Il-kontinent Afrikan għaddej minn transizzjoni u tkabbir notevoli, u għaldaqstant l-opportunitajiet biex Malta jkollha rwol f'dan kollu, qegħdin hemm biex jigu esplorati, b'mod partikolari fil-qasam kummercjali u anke dak uman.

3. **Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?**

   Erbgħin sena ilu, fis-6 ta' Marzu, tal-1985, kien ġie iffirmat trade agreement bejn ir-Repubblika Maltija u dik tal-Angola, u ħmistax-il sena ilu ġie iffirmat joint communiquè bejn l-istess żewġ pajjizi dwar l-'establishment of diplomatic relations'. Importanti li erbgħin sena wara dan il-ftehim u ħmistax-il sena wara dan il-joint communique', Malta u l-Angola jibnu fuq dawn, sabiex verament ikun hemm skambji kulturali, soċjali, ekonomiċi, kummerċjali u kooperazzjoni bejn iż-żewġ nazzjonijiet.

4. **Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

   Umilment naħseb li l-ewwelnett għandna nagħrfu l-potenzjal kbir li hemm fil-kontinent Afrikan, partikolarment fin-nofsinhar ta' dan l-istess kontinent, f'pajjiżi bħall-Angola, fejn l-istat Malti għadu ma bediex jisfrutta l-vantaġġi u l-opportunitajet li pajjiż Ewropew u Mediterranju bħal Malta jista' jagħti lill-Angola, u viċi versa x'tista' l-Angola toffri lil Malta f'termini ta' swieq ġodda f'din in-naħa tal-globu.

5. **X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?**

   Naħseb li hemm niċeċ importanti li nistgħu nesploraw, li jvarjaw mill-pożizzjoni ġeografrika tagħna bħala stat f'nofs il-Mediterran, pass bogħod mill-kontinenti Ewropej u Afrikani, għal niċeċ oħra bħal turiżmu, anke mediku, l-avjazzjoni u l-kamp marittimu, edukazzjoni u scholarships, flimkien ma' opportunitajiet li jirriżultaw minn stat li jipproduċi ammont qawwi ta' żejt li qed ifittex investiment f'enerġija rinnovabbli, b'settur agrikolu b'saħħtu ħafna, li qed jikber u jagħmel investimenti kbar infrastrutturali.

6. **Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

   Flimkien ma' Malta Enterprise u Trade Malta, b'sisien msejsa fuq il-ftehim tal-1985, aġġornati b'Memoranda ġodda għas-sitwazzjoni kurrenti, jiġu esplorati u msaħħa r-relazzjonijiet kummercjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi, sabiex nagħtu spinta lis-settur ekonomiku Malti f'żona tad-dinja li forsi hi prattikament assenti minn fuq ir-radar ekonomiku Malti.

7. **F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

   Malta għandha wkoll tesplora kif, permezz ta' rabtiet u trattati diġà stabbiliti bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana, għandna nfittxu niċeċ li fihom Malta tista' teċċella u tagħmel minnhom suċċess.

8. **Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

   Hemm definittivament lok għal tkabbir f'dan il-qasam ukoll, peress illi hemm il-possibilità li Malta hija ftit li xejn magħrufa f'din iż-żona tad-dinja. Apparti minn hekk, l-expertise Maltija f'dan il-qasam tista' tkun rikjesta u neċessarja f'pajjiż bħall-Angola li qed jara kif jiddiversifika l-ekonomija tiegħu.

9. **Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?**

   Malta tista' sservi bhala pont ta' djalogu, kooperazzjoni u żvilupp, sija bejn l-Angola u l-Unjoni Ewropea, u sija bejn l-Angola u l-Ġnus Magħquda.

10. **Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

    Le, qatt ma kont involut.

11. **Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

    Preżentament impjegat bħala Senior Manager – European and International Affairs - fi ħdan il-Gozo Regional Development Authority, nokkupa l-kariga ta' Viċi Chairman fil-Kordin Grain Terminal, u kif ukoll nokkupa l-kariga ta' Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali tax-Xagħra, Għawdex. Se nibqa' nżomm dan l-impjieg u karigi, fl-eventwalità li niġi maħtur Non-Resident Ambassador.

12. **Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?**

    M'għandi ebda attività kummerċjali.

13. **Tista' tinforma lill-Kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?**

    Qatt ma kelli, u ma għandi ebda rabta jew investiment kummerċjali mal-Angola.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Angola?**

   Erbgħin sena ilu, fis-6 ta' Marzu, tal-1985, kien ġie iffirmat trade agreement bejn ir-Repubblika Maltija u dik tal-Angola, u 15-il sena ilu ġie ffirmat joint communiquè bejn l-istess żewġ pajjiżi dwar l-'establishment of diplomatic relations'. Importanti li 40 sena wara dan il-ftehim u 15-il sena wara dan il-joint communiquè, Malta u l-Angola, permezz tan-Non-Resident Ambassador Malti għall-Angola, jibnu fuq dawn, sabiex verament ikun hemm skambji kulturali, soċjali, ekonomiċi, kummerċjali u kooperazzjoni bejn iż-żewġ nazzjonijiet.

2. **Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- Angola?**

   L-Angola qiegħda tittakilja sfidi importanti preżentement. L-aktar prominenti huma l-ħtieġa li jiddiversifikaw l-ekonomija tagħhom sabiex ma tibqax ibbażata u tiddependi fuq l-isfruttament tar-riżorsa taż-żejt, u kif ukoll dak li jiġi mniżżel drastikament il-qgħad fost iż-żgħażagħ. L-Angola hija wieħed mill-aktar pajjiżi Afrikani li ekonomikament qed jikber b'rata mdaqqsa, wara deċennji ta' kunflitti interni, u l-objettiv tagħhom huwa dak li jikbru b'mod li jnaqqsu d-disparità ekonomika f'pajjiżhom fis-snin li ġejjin. Malta, bil-preżenza diplomatika tagħha, jista' jkollha rwol importanti f'dan kollu, peress illi l-pożizzjoni strateġika tagħha fil-Mediterran, u stat membru tal-Unjoni Ewropea, u bl-esperjenza tagħha f'diversi fora internazzjonali, tista' tkun ta' għajnuna u pont biex l-Angola tkompli ssaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha, tiddiversifika l-ekonomija, tinvesti f'enerġija rinnovabbli, tagħmel il-qabża infrastrutturali li teħtieġ, tiżviluppa l-qasam turistiku, u ssib swieq ġodda għall-qasam agrikolu vast tagħha.

3. **Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Angola?**

   In vista tal-istrateġija tal-Gvern Malti vis-à-vis l-kontinent Afrikan, sabiex jiġu msaħħa r-relazzjonijiet mal-pajjiżi Afrikani, huwa essenzjali li nkabbru l-presenza tagħna, partikolarment f'pajjiżi Afrikani li mhumiex dawk li tradizzjonalment kellna relazzjonijiet fil-passat magħhom bħal pajjiżi tal-Maghreb. Il-kontinent Afrikan għaddej minn transizzjoni u tkabbir notevoli, u għaldaqstant l-opportunitajiet biex Malta jkollha rwol f'dan kollu, qegħdin hemm biex jiġu esplorati, b'mod partikolari fil-qasam kummercjali u anke dak uman. Naħseb li hemm niċeċ importanti li nistgħu nesploraw, li jvarjaw mill-pożizzjoni ġeografrika tagħna bħala stat f'nofs il-Mediterran, pass bogħod mill-kontinenti Ewropej u Afrikani, għal niċeċ oħra bħal turiżmu, anke dak mediku, l-avjazzjoni u l-kamp marittimu, u edukazzjoni u anke scholarships, flimkien ma' opportunitajiet li jirriżultaw minn stat li jipproduċi ammont qawwi ta' żejt, b'settur agrikolu b'saħħtu ħafna, li qed jikber u jagħmel investimenti kbar infrastrutturali. Flimkien ma' Malta Enterprise u Trade Malta, b'sisien imsejsa fuq il-ftehim tal-1985, aġġornati b'Memoranda ġodda għas-sitwazzjoni kurrenti, jiġu esplorati u msaħħa r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi, sabiex nagħtu spinta lis-settur ekonomiku Malti f'żona tad-dinja li forsi hi prattikament assenti minn fuq ir-radar ekonomiku u kummerċjali Malti.

4. **X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

   Qatt ma ħdimt fil-korp diplomatiku u ma rċivejt ebda forma ta' taħriġ f'dan ir-rigward.

5. **Tista' tinforma lill-Kumitat jekk diġà kellekx żjarat fl-Angola u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Angola?**

   Qatt ma żort l-Angola u ma għandi l-ebda rabtiet jew investiment kummerċjali fl-Angola.

6. **Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

   Fis-snin li fihom okkupajt il-kariga ta' Chief of Staff tal-Ministeru għal Għawdex, kont attiv fis-CPMR (Conference for the Peripheral and Maritime Regions).

7. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

   Impjegat fil-Gozo Regional Development Authority (Senior Manager – European and International Affairs).

8. **Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

   Iva, okkupajt l-karigi ta' Chief of Staff tal-Ministri Godfrey Farrugia u Anton Refalo fil-Ministeri tas-Saħħa u t'Għawdex rispettivament, u kont konsulent mal-Ministri Justyne Caruana u Clint Camilleri fil-Ministeru għal Għawdex.

9. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Angola?

   Preżentament impjegat bħala Senior Manager – European and International Affairs – fi ħdan il-Gozo Regional Development Authority, nokkupa l-kariga ta' Viċi Chairman fil-Kordin Grain Terminal, u kif ukoll Kunsillier fil-Kunsill Lokali tax-Xagħra, Għawdex. Se nibqa' nżomm dan l-impjieg u karigi, fl-eventwalità li niġi maħtur Non-Resident Ambassador.

10. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Angola?**

    M'għandi ebda attività kummerċjali.

11. **Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

    M'għandi preżentament ebda kunflitt ta' interess f'każ lil niġi maħtur bħala Non-Resident Ambassador għall-Angola.

12. **Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?**

    Għandi ċittadinanza waħda biss, ċjoè dik Maltija.